# ĊENSINA

## ta’ Lino Spiteri



Analiżi mħejjija minn Phyllis Debono, Maria Abela u Bertram Portelli
Is-Seminarju tal-Arċisqof

# IL-ĠRAJJA

- Id-deputat idur id-djar biex jipprova jiġbor xi vot għall-elezzjoni
- Fil-bieb t'isfel ma jiftaħ ħadd
- Il-bieb ta' fuq ukoll baqa' magħluq
- Jerġa' jħabbat il-bieb t'isfel u jinfetaħ mill-ewwel
- Tiftaħ mara xiħa u tagħrfu li hu dak li kien bagħtilha r-ritratt biex tivvutalu
- Id-deputat jikkonfondi għax ma stenniex li se jara dak il-faqar kollu
- Ix-xiħa ssib ir-ritratt tiegħu minn qalb l-imbarazz



# IL-ĠRAJJA

- Id-deputat kien imdorri jgħid kliem ta' konvenjenza, li jmur ma' kull sitwazzjoni, imma quddiem dil-mara li titkellem b'mod dirett, ma kienx jaf x'se jgħid
- Jidħol u madwaru jibda jinnota kull tip ta' imbarazz u ħwejjeġ ma' kullimkien
- Ċensina tgħidlu li lesta li tivvutalu imma jrid jgħidilha kif
- Id-deputat iwegħedha li jgħidilha kif imma jħoss li għandu jagħmel xi ħaġa għal din il-mara
- Tibda taħseb, imma kważi bilkemm taf x'għandha bżonn
- Ikun se jgħidilha dak li soltu kien iredden u jgħid lix-xjuħ imma lilha ma setax jgħidilha xi ħaġa hekk - lilha le



# IL-ĠRAJJA

- Iwegħedha li jiċċekkjalha kemm suppost tieħu pensjoni
- Tgħidlu li ma tafx taqra u li ta' fuqha ma tkellimhiex imma tgħajjarha biss
- Tibqa' tistennieh sakemm tara li telaq
- Jerġa' jistaqsiha jekk tafux u hi taħliflu li tivvotalu għax tagħrfu mir-ritratt
- Jagħmel mill-aħjar biex jgħinha, ħafna aktar milli jagħmel is-soltu
- Jerġa' jmur għandha imma ma jiftaħ ħadd u mbagħad imur għand ta' fuqha



# IL-ĠRAJJA

- Isib mara li timlieh bil-kumplimenti u biż-żegħil u li titkellem b'ħafna Ingliżati
- Jistaqsi għal Ċensina u tgħidlu li daħlulha u rabtuha u li wara telqet minn hemm
- Tipprova tittantah, speċjalment għax il-*partner* ma jkunx id-dar



# IL-KARATTRI

## Ċensina

- Sempliċi u sinċiera
- Tgħix fis-solitudni
  "qisha ferħana"; "ma tridx tagħlqu qabel ikun telaq sewwa."
- Ma tafx taqra u tikteb
- Xortiha ħażina anke fejn jidħlu relazzjonijiet familjari
- Ma tgħidx kontra oħtha avolja ma ħallitilha xejn
- Ma tiddejjaqx bil-kumpanija tal-ġrieden li
  għall-kumplament tan-nies huma xkiel iżda għaliha
  huma aħjar mill-bnedmin!



# IL-KARATTRI

## Ċensina

- Maqtugħa għal kollox mis-soċjetà
- Kien unur li d-deputat żarha f'darha; bisitlu idejh
- Kienet mixtieqa mill-kumpanija tan-nies: il-biljett li bagħtilha baqgħet tgħożżu, wegħditu l-vot, ħalfitlu
- Id-deputat mar iżurha u hi kienet lesta li tgħinu kif tista'
- Kienet grata u leali lejn id-deputat talli kien mar għandha



# IL-KARATTRI

## Ċensina

- Tgħix ħajja kważi vojta, bla skop – bħall-imbarazz li hi mdawra bih
- Tant fi fqira li donnha hi fqira anki mill-ħsus **"...ħsus ma deherx li kien baqgħalha x'turi."**
- Mara mingħajr pretensjoni – mhu qed tistenna xejn għax qatgħet qalbha li tiġi megħjuna mis-soċjetà.
  **"x'taħseb, Sinjur, jew min hu bħali ma jagħtux kasu?"**



# IL-KARATTRI

## Id-Deputat

- Toħroġ l-esperjenza ta' Spiteri fil-politika – esperjenza li laqqgħetu ma' ħafna nies differenti
- Deputat li l-aktar ħaġa importanti għalih hi l-akkwist tal-voti u l-pensjoni tajba li se jispiċċa biha, (kważi kważi ma jimpurtahx min ikun fil-gvern "jitla' min jitla'")
- Juri li mhux qed jieħu gost jagħmel dan ix-xogħol: "Iqandel ruħu bieb bieb u jaħli lsienu jgħid l-istess ħwejjeġ"; "Skont id-diska li tibda"
- Naraw l-imġiba tipika ta' politiku: kliem ħelu, żegħil, wegħdi, lest li jagħmel kollox għalik
- Jimpressjona ruħu mid-dehra ta' faqar



# IL-KARATTRI

## Id-Deputat

- Hemm naħa umana fih u mhux moħħu fil-voti biss - biex jaqdi lil Ċensina jinsa l-interessi tiegħu u jipprova jgħinha
- Fil-fatt għamel aktar milli jagħmel is-soltu
- Għad-deputat, Ċensina kienet mara differenti: "mifxul kobba"; "flok għamel mistoqsija ... rsista."; "Feraħ li se jaqdiha"; "mar għandha hu stess"
- Jgħaddi l-ġudizzju tiegħu: "Lil żewġek tagħtix kasu , x'tambih bħal dak?"
- Karattru tond (jinbidel wara l-laqgħa ma' Ċensina)



# IL-KARATTRI

## Il-ġara

- Titkellem bl-Ingliż
- Ta’ żaqqha f’fommha
- Kumplimenti żejda lid-deputat fuq persuntu
- Kemm hi u kif ukoll il-*partner* moħħhom x’se jieħdu
- Tgħid kontra Ċensina
- Tkompli mad-deputat għax m’hemmx il-*partner*
- Moħħha biex twaqqgħu ħalli jkompli magħha, b’ħafna kliem u żegħil
- “sigarett nofsu maħruq f’ħalqha.”



# IL-KARATTRI

## Il-ġurdien u x-xebh tiegħu ma' Ċensina

- Xebh bejn il-ġurdien u Ċensina – it-tnejn huma mistkerrha
- Għal Ċensina, mara solitarja, il-ġurdien huwa l-uniku ħabib li għandha. Din il-mara li għaddiet minn bosta tiġrib f'ħajjitha, kienet issib kumpanija fil-ġrieden, li skontha dik il-kumpanija kienet aħjar minn dik tal-bnedmin:
  "ġrieden iħaxwxu barra, jidħlu hawn qishom darhom... imma għall-inqas dawk jekk ma jkellmukx lanqas, ma jħarsux lejk biċ-ċiera, almenu... lili ma jdejqunix, xi ħaġa ħajja..."
- Id-deputat jisħtu lill-ġurdien u Ċensina kważi tapprezzah



# IL-KARATTRI

## Il-ġurdien u x-xebh tiegħu ma' Ċensina

- Il-"ġurdien magħlub" kważi kważi qed jirrappreżenta lil Ċensina. Kienet 'tgħinu' għax donnha kienet tara mera tagħha fih.
- Il-bieb tad-dar ta' Ċensina huwa "imgerrem" bħall-azzjoni li jagħmel il-ġurdien.



# IL-KARATTRI

## Il-ġurdien

**Hemm tliet stadji ewlenin ta' xeni li jinvolvu lill-ġurdien:**

**(1) "ġurdien magħlub ħaxwex imġewwaħ lejn loqma sigarett"**

**(2) "ġurdien magħlub jgħolli b'saqajh ta' quddiem sigarett imqabbad, jipprova jgerrmu, bil-ħaxix diġà jitħajjar jieħu n-nar, u fil-ħaxix, fdal ta' ħobż niexef"**

**(3) "Xħin wasal barra d-dar, sab roqgħa ħaxix maħruqa. F'nofsha, fdal ta' ġurdien mixwi. Madwarha riħa ta' petrol."**



# PRELUDJU?

**“Qalb il-ħaxix niexef, ra xi ħaġa tferfer u nitfa’ duħħan.”**

**“Resaq u ra ġurdien magħlub jgħolli b’saqajh ta’ quddiem sigarett imqabbad, jipprova jgerrmu, bil-ħaxix diġà jitħajjar jieħu n-nar, u fil-ħaxix, fdal ta’ ħobż niexef.”**

**“Xħin wasal barra d-dar, sab roqgħa ħaxix maħruqa. F’nofsha, fdal ta’ ġurdien mixwi. Madwarha riħa ta’ petrol. ’L hemm mir-roqgħa, sema’ tħaxwix ġdid igerrem.”**



# IL-KARATTRI

## Il-ġurdien

Referenza indiretta għal Ċensina fit-tieni stadju: Ċensina tat il-ħobż niexef lill-ġurdien biex tħenn għalih (tifhem is-sitwazzjoni tiegħu)

Is-sens ta' patos fi tmiem in-novella: Ċensina u l-ġurdien

Mistoqsijiet:
Il-ġurdien miet u l-mewta tiegħu ma kinitx aċċidentali (il-petrol).
It-tluq ta' Ċensina kien?
Ċensina baqgħet ħajja?
Il-paralleliżmu bejn Ċensina u l-ġurdien japplika wkoll fil-mewt tal-ġurdien?



# IL-KARATTRI

## Interessanti...

Donnu li l-karattri kollha qegħdin jissieltu għall-għajxien:

- Id-deputat qed jissielet biex jiġbor il-voti ħalli jitla' fil-Parlament u jkollu pensjoni tajba

- Ċensina qed tistaqsi fuq il-flus li suppost tieħu mill-gvern biex tgħix aħjar

- Il-ġurdien dejjem ifittex xi ħaġa biex jgħix biha

- Il-ġara u l-*partner* tkixxfu fuq id-deputat għax: **"nistgħu nsibuk f'li jinqalgħalna, *you never know..*"**

Id-deputat qed jgħin lil Ċensina u Ċensina qed tgħin il-ġurdien. U l-ġurdien, qed jgħin lil Ċensina? Forsi qed iżommilha kumpanija?



# ELEMENTI TA' KURŻITÀ

**F'din in-novella l-qarrej jibqa' bil-kurżità:**

- **X'ġara eżatt minn Ċensina?**
- **X'sar mid-deputat?**
- **Tela' fil-gvern, wara kollox?**
- **Ċeda d-deputat għat-tentazzjoni?**
- **Tgħid mar inemmes "in-nofshom imneżżgħin" li kienu qed jixxemmxu ħdejn il-baħar ? Jew ma kellux bżonn għax kellu l-ġara, meta ma jkunx hemm il-*partner*?**



# KUNTRASTI

**Id-dar ta' Ċensina u d-dar ta' dik ta' fuqhom**

**Is-sempliċità ta' Ċensina u s-superjorità tal-ġara (id-differenza bejn il-klassijiet soċjali)**

**Il-ġara trid takkwista mingħand id-deputat u Ċensina hi sinċiera u lesta li tagħtih il-vot**

**F'din in-novella bħala qarrejja nieħdu grazzja mas-sempliċità ta' Ċensina iżda l-ġara timbuttana minħabba l-Ingliżati fid-diskors.**



# IL-LINGWAĠĠ

Sentenzi twal

Lingwaġġ deskrittiv
“ġurdien magħlub ħaxwex imġewwaħ”

Malti idjomatiku
“Jfittex kull laqxa biex jara kif jagħmel u jirfed l-imramma”
“mifxul kobba”

L-użu tal-aġġettivi fid-deskrizzjoni
“imġewwaħ”, “imġennen”, “imxellef”, “imkittef” u l-bqija



# IL-LINGWAĠĠ

Espressjonijiet mhux komuni
"l-iskart tal-ħolqien"

L-użu tal-kliem bl-Ingliż
(forsi l-idea li min jitkellem bl-Ingliż għandu livell ogħla ta' għajxien)
"you look mature", "jealous", "you carry weight",
"you never know", "crazy fool"

Frażijiet mhux tas-soltu
"iqandel ruħu"
"jaħli lsienu"



# TEMI

Il-kuxjenza soċjali

Il-politika, il-politikanti u n-nies

Il-klassijiet soċjali

Il-vjolenza fiżika

Is-servizzi soċjali

Il-faqar

L-abbuż

Ir-relazzjonijiet

L-ambjent



# IT-TEKNIKA LETTERARJA

**Il-Personifikazzjoni**

**“il-moħħ għatxan”**

**“il-bieb ifissirlek li hu m’għandux x’jaqsam mat-taraġ li tlajt,”**

**“Weġbuh il-ħitan”**

**“It-taħbita tiegħu fuq il-bieb tagħha ma weġibha ħadd.”**

**“faqar sieket jitkellem”**

**“weġbuh il-ħitan, u s-sodda b’xugaman minflok saqqu u l-ħajt b’sodda oħra miegħu...”**



# IT-TEKNIKA LETTERARJA

**Is-Similitudni**
**“il-bieb tal-kewkba tal-flett kienu qisu jkellmek”**

**L-użu tal-alliterazzjoni**
**“Ħaxix niexef”**
**“Mietet miskina”**
**“Id-dinja ddur”**
**“Mara mżarġna”**
**“Iżjed ġrieden minn ġirien”**
**“Fin-nixfa ta’ dax-xagħri”**

**L-Onomatopea**
**“ħaxix niexef”**
**“iħaxwex”**



# IT-TEKNIKA LETTERARJA

**Il-metafora**
“Hawnhekk hawn daqsxejn ħobż”
“jixrob kull dettall”
“iqandel ruħu bieb bieb”
“jaħli lsienu”
“ftit kliem skont id-diska li tibda”
“l-iskart tal-ħolqien”
“Id-diska li jdoqq max-xjuħ”
“Ma ħasshiex f’postha għal kollox f’din it-toqba”

**Il-Paradoss**
“faqar sieket jitkellem”
“ħajja mingħajr għajxien”



# PUNTI OĦRA

Clichè
"id-dinja ddur"
"L-aqwa li għandna hawn. Il-ħajja kollox."
"Għall-inqas m'għandekx mard."

Kliem ta' politikant
"ma nħalluhilhomx ħelwa lil dawk"
"fittxuni, tiddejqux tafux, jien għalhekk qiegħed hawn..."
"Għal kulħadd ħsibna"
"Ħalli f'idejja. Inqanqalha mal-ministru. Nagħmillu mistoqsija. F'idejja ħalli."

Kritika tal-poplu
"Din Malta ġdida tagħkom?"



# PUNTI OĦRA

In-nuqqas tal-affarijiet essenzjali fid-dar – simbolu ta’ Ċensina
“ftuħ ta’ bieb mingħajr injam”
“sodda bla saqqu”
“rollijiet tal-karti tal-loki – il-kartun biss mingħajr il-karti”

Is-sens ta’ patos u empatija fi tmiem in-novella

Ir-rabja li tinħoloq fil-qarrej meta jsir jaf li l-ġara kellha x’taqsam mal-mewt tal-ġurdien ‘ħabib’ u t-tluq (xi tluq?) ta’ Ċensina.

L-element ta’ sorpriża
Wara li d-deputat għamel dak kollu għal Ċensina baqa’ ma sabhiex u forsi baqa’ qatt ma ltaqa’ magħha

Il-paralelliżmu bejn il-mewt tal-ġurdien u l-għajbien ta’ Ċensina fi tmiem in-novella.

